**Apprezzament:**

# KARMEN MIKALLEF BUĦAĠAR

Fit-23 ta' Jannar, 2005 mietet f'Londra Karmen Mikallef Buħaġar fl-għomor ta' 83 sena. Sa mis-snin sebgħin Karmen kienet benefattriċI ta' l-Għaqda Maltija tal-Folklor. Kull meta kienet Iżżur Malta kienet tagħmlilna donazzjoni għall-Imnara u bżonnijiet oħra. Kienet ukoll waħda mill-presidenti onorarji tagħna sakemm mietet. Konna nibagħtulha l-Imnara l-Ingilterra fejn kienet toqgħod u kienet tiċċirkolha fost il-Maltin t'hemm u, bl-għajnuna ta' Madame Aurora Verie, fost il-kumunita` l-oħra ta' Franza.

Twieldet f'Lixandra fit-3 ta' April 1922 fejn studjat u saret *nurse*. Fil-kriżi tas-Suez Canal tal-1956 il-komunitajiet barranin kellhom jitilqu mill-Eġittu u billi l-familja tagħha, mill-komunita` Maltija, kienu sudditi Ingliżi marru lejn Londra għax il-gvern Malti ta' dak Iż-żmien ma riedx aktar nies minn barra joqogħdu hawn. Fl-Eġittu l-komunita` Maltija kellha diversi pubblikazzjonijiet u għaqdiet biex Iżżomm il-kuntatt u l-patrijottiżmu bejn il-Maltin u Karmen bdiet tħobb il-Malti u lil Malta minn hemm. Kienet tikkorrispondi ma' kittieba Maltin imma l-aktar ma' Dun Karm Psaila. Fl-1997 Oliver Friggieri editja ġabra ta' ittri ta' Dun Karm fil-ktieb "L-ittri ta' Dun Karm lil Karmen Mikallef Buħaġar". Wara li miet Dun Karm bdiet tiġi Malta tista' tgħid kull sena, bħallikieku pelligrinaġġ u tpoġġI l-fjuri jew kuruni fuq qabru u monumenti tiegħu u djar fejn kien joqgħod Ħaż-Żebbuġ, il-Belt u Tas-Sliema u tul is-snin waħħlet irħamiet kommemorattivi kull fejn kien jgħix u jaħdem. Kienet tħobb toqgħod fil-Melita Hotel ħdejn Sant'Anton, Ħ'Attard u saħansitra l-kamra regolari tagħha semmietha għal Dun Karm. Kienet tiġI Malta f'Ottubru għax, kif qaltli hi stess, fih hemm id-dati 18 u 13 ta' meta twieled u meta miet. Ħallset ukoll biex isiru irħamiet ta' tifkira lil diversi kittieba Maltin. Fl-Universita` waqqfet il-Fundazzjoni Jum Dun Karm biex isiru konferenzi kull sentejn b'tema bbażata fuq Dun Karm, u wkoll il-Fundazzjoni Premju Dun Karm.

Kull meta kienet tiġI mhux biss kienet tagħmel donazzjoni lill-Għaqda tagħna imma wkoll lil diversi għaqdiet oħra ta' kittieba u poeti tal-Malti u wkoll lil xi istituti. F'għeluq ix-xahar minn mewtha l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żagħżagħ u Xogħol organizza serata ta' tifkira tagħha fit-23 ta' Frar, 2005.

Bil-mewt tagħha l-għaqdiet tal-Malti, kittieba, poeti u oħrajn tilfu vera benefattriċI tal-kultura Maltija u filantropista ġenwina.

**Guido Lanfranco**

**Apprezzament:**

# ĠUŻE` CASSAR PULLICINO

Fit-13 ta' Marzu, 2005 miet Ġuże` Cassar-Pullicino. Kien wieħed mill-fundaturi ta' l-Għaqda Maltija tal-Folklor, kien President onorarju tagħha sakemm miet u kien juri interess fl-attivitajiet tagħha. Kull sena kien jikteb reċensjoni dwar L-Imnara u juri interess fil-progress ta' l-Għaqda.

Twieled Birkirkara fil-21 ta' Settembru, 1921. Kienu jinteressawh l-Istorja, l-Malti u l-Folklor għax it-tlieta huma b'xi mod relatati. Kont ili niltaqa' miegħu sa mill-bidu tas-snin ħamsin f'diversi għaqdiet u okkażżjonijiet kulturali u fil-Bibljoteka Nazzjonali jqalleb u jikteb. Dejjem niftakru bniedem li ma jiftaħarx u li qatt ma jitkellem biex ibaxxi l-istima lejn individwi oħra fl-istess oqsma ta' studju. Meta kellu xi kritika kien jagħmilha fuq is-suġġett mhux fuq il-persuna. Kien dejjem jinkoraġġixxi lil ħaddieħor għall-istudju u r-riċerka u juri apprezzament ma' kulħadd. Kien jattendi għall-ftuħ ta' diversi wirjiet li kont nistiednu għalihom u ġieli għamel ukoll l-inawgurazzjoni. Lqajt miegħu f'wirjiet ta' għodod u snajja' u f'kumitati ta' diversi soċjetajiet. Għalkemm kien direttur fid-dipartiment ta' l-industrija, għamel żmien sekondat biex jirriorganizza l-Librerija ta' l-Universita`. Kien editur tal-*Melita Historica* u kien beda jippubblika il-*Maltese Folklore Review* li minnha kien ħareġ l-ewwel volum f'erba' numri, imma l-ispejjeż u x-xogħol ma ppermettewx li jkompliha. Fis-17 ta' Diċembru,

2003 saret serata ddedikata għalih mill-Universita` u kien hemm wirja ta' kitbiet tiegħu - għalkemm saħħtu ma kinitx tippermetti, hu ppartecipa u apprezza kemm seta'. Wara xahar minn mewtu fit-13 ta' April, 2005 il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żagħżagħ u Xogħol organizza lejla ta' tifkira ta' Guże` Cassar-Pullicino meta kelli l-unur li nagħmel erba' kelmiet dwaru, u wkoll saret wirja tax-xogħlijiet tiegħu.

Hawn ma nistax nikteb dwar ix-xogħlijiet tiegħu għax l-iskop huwa biss li nfakkruh u napprezzawh imma għalkemm ħalliena xogħlu baqa' warajh u ma ntilifx, u għad irid jibqa' jaqdi l-iskopijiet tiegħu. Bil-mewt ta' Ġużeċ Malta tilfet persuna li tagħmlilna unur u l-Għaqda tagħna tilfet kolonna ta' inkoraġġiment li żammitna sejrin mill-1964 s'issa, imma nibqgħu niftakru lilu u x-xogħol tiegħu fostna.

**Guido Lanfranco**

**Apprezzament:**

# IS-SUR GUIDO LANFRANCO U L-IMNARA

## 25 sena ta' ħidma.

Il-Laqgħa Ġenerali biex titwaqqaf għall-ewwel darba l-Għaqda Maltija tal-Folklor saret fl-*Anglo Maltese League*, il-Belt, fil-21 ta' Diċembru, 1964. Imma kien fl-1978 li *L-Imnara* ħarġet l-ewwel darba, imwaqqfa u editjata sa mill-bidu nett mis-Sur Guido Lanfranco. Matul is-snin *L-Imnara* saret perjodiku mfittex ħafna mill-istudjużi u mid-dilettanti tal-folklor.

F'Mejju ta' l-2004, wara 25 sena ta' ħidma, is-Sur Lanfranco ta formalment ir-riżenja tiegħu minn Editur ta' *L-Imnara.* Nhar it-12 ta' Jannar, 2005, il-kumitat ta' l-Għaqda Maltija tal-Folklor organizza festin żgħir fis-sede tal-*British Legion*, il-Belt Valletta, b'tislima u b' ringrazzjament lis-Sur Lanfranco għas-snin twal ta' ħidma tiegħu bħala Editur. Dakinhar, is-Sur Lanfranco ingħata ittra ta' ringrazzjament, iffirmata mill-membri kollha tal-kumitat ta' l-Għaqda li, fost l-oħrajn, kient tgħid li l-Għaqda twiegħed li se tagħmel minn kollox biex il-ħidma li beda s-Sur Lanfranco ma tmutx, imma tkompli tixxettel, u biex il-perjodiku ta' l-Għaqda jibqa' mfittex mill-pubbliku Malti u jibqa' għajn ta' tagħrif fuq il-Folklor.

Guido Lanfranco kien għalliem f'diversi skejjel primarji, sekondarji, u tekniċi; kien *lecturer* fit-Tagħlim tax-Xjenza u l-Istudji Soċjali fil-Kulleġġ ta' l-Għalliema *St. Michael's*; u kien il-Kap tad-Dipartiment tal-Bioloġija fil-Liċeo il-Ġdid G.F. Abela.

Fl-1969 ingħata l-Midalja tal-Bronż mill-Konfederazzjoni tal-Kumitati Ċiviċi; u fl-1996 ingħata wkoll il-Midalja Għall-Qadi tar-Repubblika.

Minbarra li kien l-editur ta' *L-Imnara*, is-Sur Lanfranco kien ukoll editur ta' News & Views, The Maltese Naturalist, u Kakti u Sukkulenti Oħra. Il-kotba li ppubblika jinkludu, fost l-oħrajn, Maltese Mammals (1969), Guide to the Flora of Malta (1955), Field Guide to the Flora of Malta (1956, 1969, 1977), Complete Guide to the Fishes of Malta (1958, 1965, 1974), The Fish Around Malta (1993), Duwa u Semm fil-Ħxejjex Maltin (1975), Ħxejjex Mediċinali u Oħrajn fil-Gżejjer Maltin(1993), L-Istorja tat-Trasport fil-Gżejjer Maltin (1999), Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin (2001), u Ħajjitna fl-Imgħoddi (2004). Kien ukoll ko-editur fir-Red Data Book for the Maltese Islands (1989) u fil-Flora u Fawna ta' Malta.

Is-Sur Lanfranco illum hu President Onorarju ta' l-Għaqda Maltija tal- Folklor u għadu għaddej bil-ħidma tiegħu b'riżq il-folklor Malti.



**Il-President Ms. Maria R. Pisani tippreżenta l-ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Guido Lanfranco**